**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**28 ta' Frar 2023**

**Rikors Numru 77/2022**

**Carmelo Borg**
**Lorenza Borg nee Grima**
**Anthony Grima**
**Rita Grima nee Cutajar**

**Vs**

**Awtorità tal-Artijiet**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors tar-rikorrenti ppreżentat fit-30 ta' Awwissu 2022 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:-

1. *ILLI, l-esponenti tramite il-Perit tagħhom Gilbert Bartolo, talbu l-kunsens tal-Awtorita' intimata' sabiex huma jkunu jistgħu jitolbu l-ħruġ tal-permess tal-iżvilupp (PLA1/2022/3000) u dan sabiex in relazzjoni mas-sit f'numru 2 u 3 f'Ta' Maċċa, l-Armier, Mellieħa huma jkunu f'qagħda li jistgħu jiddemolixxu u jirrikostruwixxu l-boathouses eżistenti;*

2. *Illi, permezz ta' ittra datata 5 ta' Awwissu 2022, l-Awtorita' intimata ċaħdet it-talba tal-esponenti u dan stante li, dejjem skont l-Awtorita' intimata, l-applikanti mhumiex "the recognised tenant" (vide ittra immarkata Dok A);*

3. *Illi l-esponenti iħossuhom ferm aggravati b'din id-deċiżjoni stante li huma, jew aħjar l-ante kawża tagħhom Anthony Grima (ossija missier l-applikanti), kien validament rikonoxxut bħala li għandu titolu ta' inkwilinat;*

4. *Illi l-esponenti huwa tal-fehma konvinta li d-deċiżjoni raġġunta hekk kif riprodotta fl-ittra tal-5 ta' Awwissu 2022 (File No: E/37/2022/I/727 u L/113/73/13) hija waħda irraġjonevoli u kjarament infondata fil-fatt u fid-dritt;*

5. *Illi in subsiduum u dejjem mingħajr preġudizzju għall-kunsiderazzjonijiet magħmula iktar 'il fuq, id-deċiżjoni impunjata diddifetta wkoll legalment stante li mhijiex ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet relevanti u stante wkoll li ingħatat bi ksur tal-prinċipju ta' audi alteram partem (u kif ukoll tal-korollarji kollha tal-istess prinċipju u ta' prinċipji oħrajn kif rikonoxxuti ġurisprudenzjalment) peress illi l-Awtorita' intimata kjarament ma tatx lir-rikorrenti iċ-ċans li jirribattu dak asserit bħala l-unika raġuni ta' rifjut;*

6. *Illi kif intqal fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni tagħha tas-27 ta' Mejju 2015 fl-appell fl-ismijiet Alberta vs Direttur Kuntratti et (34/2012EG):*

   *"Ir-regola 'audi alteram partem' għandha tiġi skrupolozament osservata, u l-partijiet għandhom id-dritt li jkunu preżenti fl-investigazzjonijiet li jagħmel id-delegat tal-Board, biex ikunu jistgħu jikkontrollaw l-informazzjonijiet li jiġu mogħtija lil dak iddelegat għall-finijiet ta' dik l-investigazzjoni. Il-vjolazzjoni tar-regola 'audi alteram partem' tagħti lok għas-sindakat tal-Qrati ordinarji, li jistgħu, anzi għandhom, jirritjenu null dak li jkun sar in konsegwenza tal-vjolazzjoni - kif sar f'dan il-każ. Din ir-regola 'audi alteram partem' hija regola ta' ġustizzja naturali, u bħala tali hija ta' interess publiku; u għalhekk ma hiex rinunzjabili ' per simpliciter', billi jingħad illi kien hemm akkwijexxenza mill-parti li ġiet preġudikata bil-vjolazzjoni ta' dik ir-regola" (ara referenza f'PA Antonio Sammut vs John Bell McCance ne 29/05/1946);*

7. *Illi inoltre "Il-prinċipju "audi alteram partem" huwa prinċipju fundamentali mixħut fuq kull min ġie mogħni b'poter li jiddeċiedi. Kif tajjeb jenunċa l-awtur S.A. de Smith fil-ktieb tiegħu "Constitutional and Administrative Law" (Penguin Books, 3rd Edit.) (a paġna 564), li dan il-prinċipju ossia dak ta' audi alteram partem, "Is the more interesting and important rule of natural justice. In its crudest form, it means that nobody shall be penalized by a decision of a court or tribunal unless he has been given (a) prior notice of the charge or case he has to meet, and (b) a fair opportunity to answer the case against him and to put his own case".*

8. *Illi kif ġie stabbilit fis-sentenza in re "Ridge vs Baldwin, deċiża mill-House of Lords fl-1964, id-dritt għal smiegħ xieraq "is a rule of universal application", u Lord Loreburn, fil-kawża "Board of Education vs Rice", deċiża wkoll mill-House of Lords fl-1911, kien qal li d-dover li jagħti smiegħ xieraq hu impost "upon every one who decides anything." (ara referenza f' PA Antonio Sammut vs John Bell McCance ne 29/05/1946);*

9. *Illi l-esponenti, fil-każ odjern, kellhom u għad għandhom biżżejjed evidenza sabiex jirribattu l-unika raġuni miġjuba mill-Awtorita' intimata bħala raġuni ta' rifjut u għalhekk fl-agħar ipoteżi għalihom, huma jidhrilhom li dan l-Onorabbli Tribunal għandu jordna lill-Awtorita' intimata tiegħu konjizzjoni funditus tal-din l-istess evidenza qabel dina ma tasal għad-deċiżjoni tagħha;*

   *GĦALDAQSTANT, in vista tal-konsiderazzjonijiet suesposti, kif ukoll dawk ir-raġunijiet kollha li se jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-Rikors, l-esponenti*

*jitlobu bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jħassar u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata kontenuta fl-ittra ta' rifjut tagħha datata 5 ta' Awissu 2022 u dan prevja kwalunkwe ordni u/jew provvediment meqjus opportun, bl-ispejjeż kontra l-Awtorità intimata.*

Ra r-risposta **tal-Awtorità tal-Artijiet** ippreżentata fit-23 ta' Settembru 2022 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

1. *Illi din hija risposta għar-Rikors tal-Appell ta' Carmelo Borg, Lorenza Borg nee Grima, Anthony Grima u Rita Grima;*

2. *Illi l-appellanti għamlu talba lill-Awtorita' tal-Artijiet (applikazzjoni numru PLA1/2022/3000 :-*
   *'Request for the consent of the Lands Application to submit a development planning application in terms of Article 71(4) of Chapter 552 of the Laws of Malta*

3. *Illi l-applikazzjoni kienet miċħuda mill-Awtorita' intimata peremzz ta' ittra datata ħamsa ta' Awwissu elfejn tnejn u għoxrin (2022) peress li :-*
   *The application has been refused on the grounds that the applicant is not the recognised tenant*

4. *Illi r-rikorrenti ħassewhom aggravati b'din id-deċiżjoni u għalhekk intavolaw dan l-appel;*

5. *Illi l-Awtorita' tal-Appella tirrileva dawn is-segwenti punti b'risposta għall-Appell tar-Rikorrent:-*

***Elenku ta' Punti fuq l-Aggravji tal-Appell***

I. *Illi t-talba tal-appellant għandha tiġi miċħuda stante li d-deċiżjoni meħuda mill-Awtorita' hija waħda ġusta fil-forma u fis-sustanza liema deċiżjoni ġiet meħuda wara li ġew ikkunsidrati numru ta' fatturi relevanti.*

II. *Illi l-Awtorita' tal-Artijiet issostanzjat id-deċiżjoni tagħha, liema deċiżjoni ġiet mgħarrfa lir-rikorrent a bażi tal-pinċipji stabiliti mill-qrati li jlaħħqu l-kriterji ta 'duty to give reasons '*

III. *Illi l-Awtorita' intimata aġixxiet wara li l-ebda mir-rikkorenti/ applikanti m'huwa rikonoxxut inkwilin fuq l-art mertu tal-applikazzjoni li qed tiġi appellata quddiem dan l-Onorabbli Tribunal;*

IV. *Illi għalhekk l-Awtorita' tal-Artijiet ħadet deċiżjoni amministrattiva skont fatti indisputibbli;*

V. *Illi din id-deċiżjoni li ttieħdet ma kinitx proċess ġudizzjarju pubbliku iżda deċiżjoni amministrattiva'*

VI. *Illi għalhekk l-Awtorita' ddeċidiet skont l-obbligi legali imposti fuqha dettati minn* **Artikolu 7(2) (c) tal-Kapitolu 563** *tal-Liġijiet ta' Malta jagħmilha ċar illi sta għall-Awtorita' tal-Artijiet biex "tamministra bl-akbar mod assolut sabiex isir l-aħjar użu tal-art kollha tal-Gvern ta' Malta u kull art li tifforma parti mill-isfera pubblika".*

VII. *Illi inoltre dan l-Onorabbli Tribunal ,kemm –il darba kkostata li ħadd m'għandu jippretendi xi jedd assolut li jingħata xi drittijiet fuq art tal-Gvern;*

VIII. *Illi l-Awtorita qed tirriserva argumenti u provi ulterjuri*

IX. *Illi għalhekk m'hemm l-ebda raġuni għala dan l-,Appell għandu jintlaqa'*

*Għaldaqstant l-esponenti, filwaqt li ġġib din ir-risposta a konjizzjoni ta' dan l-Onoroabbli Tribunal , u tirriserva d-dritt li tipprovdi raġunijiet u provi ulterjuri waqt is-smigħ ta' din il-kawża, titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal biex jikkonferma d-deċiżjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet li tiċħad l-applikazzjoni PLA1/2022/3000 meħuda fil-ħamsa(5) ta' Awwissu elfejn tnejn u għoxrin (2022).*

Ra d-dokumenti kollha ppreżentati;

Sema' x-xhieda;

Sema' t-trattazzjoni;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għal sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti ħassewhom aggravati b'deċiżjoni tal-Awtorita` intimata kif kontenuta f'ittra datata 5 ta' Awwissu 2022 li permezz tagħha ġew infurmati bis-segwenti, u ċioe`:

***Re: Request for the consent of the Lands Authority to submit a development planning application in terms of Article 71(4) of Chapter 552 of the Laws of Malta.***

***This application has been refused on the grounds that applicant is not the recognised tenant.***

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi fl-1973 il-proprjeta` in kwistjoni kienet mikrija lil ċertu Anthony Grima.[1] Norton Chalker, uffiċjal tal-Awtorita` intimata, xehed illi fl-1992 kienet ittieħdet deċiżjoni li l-kirjiet kollha tal-*boathouses* fl-*area* magħrufa bħala Ta' Maċċa ma jiġux aċċettati iżjed. Spjega wkoll illi fl-2002 kien hemm maħsub xi forma ta' *master plan* għall-istess *area* li però` qatt ma ġie fis-seħħ. Mistoqsi in kontro-eżami jekk il-kerrejja kinux ġew notifikati li ma kinitx se tibqa tiġi aċċettata l-kera, ix-xhud wieġeb li ma sab l-ebda dokument f'dan is-sens fil-fajl tal-Awtorita`. Spjega wkoll illi fis-sistema tal-Awtorita` il-*boathouse* in kwistjoni tidher bħala *unlet government property*. Huwa kkonferma wkoll li ma jirriżultax illi qatt kien hemm xi talba da parti tat-tfal ta' Anthony Grima sabiex jiġu rikonoxxuti bħala kerrejja flok missierhom. Fil-fajl kien hemm biss applikazzjoni tal-2001 da parti tar-rikorrenti sabiex art ġewwa l-Armier, li skont il-*case officer* report a fol. 60 tinsab fejn intalab li jsir l-iżvilupp in kwistjoni, tingħata bi qbiela. Madanakollu din l-applikazzjoni ma kinitx ġiet proċessata stante li s-sit kien jaqa' fid-*designated beach rooms Project*.

**Lorenza Borg** xehdet illi huma kienu jħallsu l-kera lill-Gvern però kienu ġew infurmati li l-kera kienet se titwaqqaf. Tgħid li dan seħħ meta kien għadu ħaj missierha. Spjegat illi hi u ħuha għandhom kamra tal-injam li jixtiequ jaqsmuha bejniethom u jirranġawha. Xehdet illi flimkien mal-kamra hemm ir-raba u li l-aħħar li ħallsu kera kien fl-1996, li huma rikonoxxuti mil-Lands u li meta marret il-Lands rat il-pjanti li fuqhom kien hemm imniżżel isimhom.

**Anthony Grima** xehed illi huma kienu jmorru l-Lands iħallsu l-kera però f'ċertu żmien il-kera ma baqghatx tiġi aċċettata.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti ressqu żewġ aggravji, u ċioe`:

1. **Illi d-deċiżjoni appellata hija waħda rraġjonevoli u infondata fil-fatt u fid-dritt;**
2. **Illi d-deċiżjoni mhix ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet rilevanti u wkoll ma ġiex osservat il-prinċipju ta'** ***audi aleram partem*** **stante li l-Awtorita' intimata ma tatx l-opportunita` lir-rikorrenti jirribattu dak asserit fl-uniku raġuni tar-rifjut.**

Illi t-Tribunal se jibda biex jittratta l-ewwel aggravju tar-rikorrenti.

---

[1] A fol. 51

Illi mill-provi, senjatament ix-xhieda tal-uffiċjal Norton Chalker u d-dokumenti prodotti minnu, jirriżulta illi r-rikorrenti huma ulied il-kerrej li kien rikonoxxut mill-predeċessur tal-Awtorita` intimata fir-rigward tal-*boat house* in kwistjoni. Jirriżulta illi fis-snin disgħin il-predeċessur tal-Awtorita` ma baqax jaċċetta kera għall-*boat house* in kwistjoni u għall-*boat houses* fl-istess żona u dana peress li kien qed jiġi formulat xi proġett. Jirriżulta li sal-lum il-ġurnata l-istess proġett ma daħalx fis-seħħ, però l-kera xorta baqgħat ma tiġix aċċettata. Mid-dokumenti esebiti ma jirriżultax illi l-Awtorita` intimata jew il-predeċessur tagħha saritilhom xi talba da parti tar-rikorrenti biex jiġu rikonoxxuti bħala kerrejja flok il-kerrej oriġinali. L-unika applikazzjoni li hemm fil-fajl tal-Awtorita` huwa li r-rikorrenti kienu ssottomettew applikazzjoni sabiex jingħataw art agrikola fl-istess żona.

Illi għalhekk meta ġiet biex tqis l-applikazzjoni odjerna l-Awtorita` intimata kienet rinfaċċjata b'talba għall-kunsens tagħha biex isir żvilupp minn persuni li ma humiex rikonoxxuti minnha bħala kerrejja. Illi t-Tribunal ifakkar li l-Awtorita` intimata għandha d-dover li tamministra l-art pubblika b'dik id-diliġenza ta' *bonus paterfamilias*. It-Tribunal jistaqsi liema sid jagħti l-kunsens lil persuna li huwa ma jirrikonoxxix li għandha ebda titolu fuq il-proprjeta` tiegħu li tagħmel applikazzjoni biex isir xi tip ta' żvilupp fuq l-istess art? Li kieku l-Awtorita` intimata ddeċidiet mod ieħor kienet ċertament tonqos minn dak il-livell ta' diliġenza li hija mistennija li teżerċita fil-qadi ta' dmirijietha.

Illi għaldaqstant, ladarba r-rikorrenti ma jirriżultax li għandhom xi titolu fuq il-*boat house* in kwistjoni, ma jistgħux jippretendu li l-Awtorita` intimata tagħtihom il-kunsens tagħha għall-iżvilupp li jixtiequ jagħmlu.

Illi t-Tribunal se jittratta issa t-tieni aggravju tar-rikorrenti.

Illi t-Tribunal jirrileva illi hemm diversi linji ta' ħsieb jekk l-osservanza tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali hijiex tassattiva meta tittieħed deċiżjoni amministrattiva mhux emanenti minn tribunal ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjaru. Fil-ktieb tiegħu ***Judicial Review of Administrative Action in Malta***, Dr. Tonio Borg jiċċita każ ta' Qorti Ingliża u jgħid hekk:

*"In Ridge vs Baldwin,*[2] *this definition was extended to apply also to administrative decisions. If a decision seriously affects individual interests, natural justice or fairness must be observed irrespective of the*

[2] (1964) A.C. 49.

*label applicable to that decision. Prior to Ridge vs Baldwin, even such important decisions as revoking a trader's licence[3] were held to be non-judicial and not subject to these rules. Ridge v. Baldwin changed all that and the list contained in such case where natural justice applies included:*

*(a)Where there is a lis inter partes;*
*(b)Where a person's livelihood is at stake;*
*(c) Where the decision will deprive a person of an office or status as distinguished from ordinary employment;*
*(d)Where property interests are at stake;"*

*The rules did not apply:*

*(a)Where a decision was legislative in character; and*
*(b)Where a decision was said to be administrative in character, for example because it is not a final determination of rights, or because it is not an essentially discretionary decision rather than a determination of a question of law or fact; or because there is no lis inter partes. In such cases a limited application of the rules may be made."*

Illi t-Tribunal eżamina wkoll is-sentenza lokali ċċitata mir-rikorrenti fir-rikors promutur tagħhom. Madanakollu dan it-Tribunal iqis li dik il-kawża, u ċioe` ***Alberta Fire & Security Equipment Limited vs Id-Direttur tal-Kuntratti et***,[4] kienet differenti mill-każ odjern għaliex fl-istess kawża kienet qiegħda tiġi sindikata deċiżjoni ta' bord ġudizzjarju, u ċioe` l-Bord ta' Reviżjoni Dwar il-Kuntratti Pubbliċi, liema Bord huwa kkunsidrat bħala Tribunal Amministrattiv ai termini tal-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta, u allura kien mistenni li jsegwi d-dettami tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali.

It-Tribunal jirrileva illi l-Awtorita` intimata la hija korp ġudizzjarju u lanqas kważi-ġudizzjarju. L-Awtorita` intimata hija entita` li tirregola u tamministra l-art tal-Gvern. Kwindi hija għandha l-mansjoni li tipproċessa l-applikazzjonijiet li jkollha quddiemha, liema applikazzjonijiet huma pubblikati fuq is-sit elettroniku tagħha u li fihom hemm l-informazzjoni kollha ta' kif wieħed għandu jipproċedi biex japplika, ma' liema applikazzjoni **wieħed jista' jagħmel kwalunkwe konsiderazzjoni li jidhirlu li hi xierqa** biex jissostanzja t-talba tigħu. Illi t-Tribunal ma jeskludix li jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn ikun mistenni li l-Awtorita` tagħti opportunita` lil individwu jressaq jew jamplifika dwar ċerti ċirkostanzi qabel tittieħed deċiżjoni, pero`, t-Tribunal huwa tal-fehma

[3] Nakkuda Ali v. Jayaratne (1951) (A.C. 66)
[4] Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) 27 ta' Mejju 2015

illi fil-każ odjern iqis li bil-fatti li l-Awtorita` intimata kellha quddiemha u l-informazzjoni li kellha fil-fajl relattiv, ma kien hemm ebda ħtieġa li tisma' jew tikseb informazzjoni ulterjuri mingħand l-applikanti. Il-kwistjoni kienet ċara. La darba mill-fajl tal-Awtorita` ma kienx jirriżulta illi l-applikanti kellhom xi titolu fuq l-art in kwistjoni, wisq inqas kellhom xi dritt li jitolbu l-kunsens tagħha biex jagħmlu xi tip ta' żvilupp. Illi kwindi d-deċiżjoni tal-Awtorita` intimata, kuntrarjament għal dak sostnut mir-rikorrenti, ma ttieħditx fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti.

Illi għaldaqstant lanqas it-Tribunal ma jsib xejn x'jiċċensura mid-deċiżjoni appellata.

**DECIDE**

Għaldaqstant it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq premessi, qiegħed jiċħad l-appell tar-rikorrenti u jilqa' r-risposta tal-Awtorita` intimata.

Spejjeż a karigu tar-rikorrenti.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**